MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru 52/2002

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eric Borda ta' 26 sena iben Lawrence u Carmen nee Farrugia imwieled Attard fit-23 ta' Marzu 1974 u joqgħod Flat 5, Fredmar Triq A Wignacourt Buġibba (illum joqgħod Desire 2 7 Triq Kalanċ Saliba, Żurrieq,u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 179174 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 t'April 1999 u matul l-aħħar ġimgħat qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur ta' l-artikolu 8© tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' la-rtikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur ta' la-rtikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandu x’jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u la-rtikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985 kif emendat.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll biex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat bin-numru 1791 ta’ l-1974, l-istqarrija ta’ l-imputat a fol.12, il-fedina penali ta’ l-imputat (fol.14), l-ordnijiet ta’ l-Avukat Ġenerali tat-12 ta’ Frar 2002, il-proces-verbal a fol.20 et, il-konferma mill-Qorti tal-ħatra tal-periti maħtura matul l-inkjesta, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat, jekk jinstab ħati, għandu jibbenefika mill-artikolu 29 b’żewġ gradi (fol.67).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Li mix-xhieda li ta’ s-Supretendent Neil Harrison, kienet saret tfittxija fid-dar ta’ l-imputat fejn instabu żewġ pjanti żgħar suspettati tal-cannabis li kienu f’gallarija fuq wara ta’ l-appartament, żewġ LSD kif ukoll biċċa żgħir ta’ raża tal-cannabis li kienet ġo tin can li kienet fis-salott. Kien hemm ukoll diversi roaches tas-sigaretti fis-salott kif ukoll fil-kċina.

**L-Istqarrija ta’ l-imputat**

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien ilu joqgħod fil-flat minn Jannar 1999 (l-istqarrija saret fit-12 t'April, 1999) u kien mikri għandu long let. Huwa ma kien jaf xejn dwar il-biċċa blokka u l-LSD li nstabu f'bott. Filfatt dak il-ħin stess Josette ċerta Josette Spiteri kienet ammettiet li kienu tagħha. Huwa qal ukoll li meta daħal fil-flat kien sab iż-żewġ pots diġa' bil-ħamrija. Huwa qatt ma kien saqqiehom.(Fol.12). L-aħħar li kien ħa droga kien f'Ottubru. Huwa indika minn għand min kien jixtri d-droga qabel. (Fol.13).

8. Mill-proces-verbal jirriżulta li waqt it-tfittxija ta' l-appartament ta' l-imputat kien hemm ċerta Josette Spiteri (fol.21),

9. Mir-ritratti (konfermati bil-ġurament fol.50) jidhru l-pots bil-ħaxixa 'l fuq mix-xifer (99 AWB 107) (99 AWB 109) bit-tieni ritratt juri li l-pjanta kienet itwal minn żewġ pulzieri (70 millimetru).

10. L-Esibit (tal-Pringles) juri li dan inġabar minn fuq mejda ta-salott fil-preżenza ta' Josette Spiteri u Eric Borda.

11. Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud (kemm in-eżami kif ukoll in kontro-eżami). Huwa xehed li fiż-żewġ xtieli li kien hemm fid-dokument 99 AWP 301 u 99AWP302 kien hemm ammont net totali ta' 0.61 grammi u nstabu li kienu xtieli tal-cannabis.

12. Il-blokka żgħira li kien hemm fid-dokument 99 AWO 304 f'ammont nett totali ta' 0.348 grammi instabet li kienet raża tax-xitla tal-cannabis. (THC) Il-kartuna ż-żgħira ta' forma rettangolari li kien hemm fid-dokument 99 AWP 305 instbaet li kien ifha Lisargic Acid (LSD).

13. Instabu wkoll traċċi tat-THC fil-ħames speċi ta'loqom tas-sigaretti tal-brim li kien hemm fid-dokument 99 AWB 305 u l-erbatax l-ispeċi ta' loqom ta' sigaretti tal-brim li kien hemm fid-dokument 99 AWB 306.

14. Xehdu PS 579 Antoine Micallef, PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 246 Vincent Decesare li kienu nvoluti fit-tfittxija. It-tnejn xehdu li sabu bott tal-Pringles b'xi LSD kif ukoll xi sustanza kannella fuq il-mejda. Mill-gallarija ġabru żewġ pots bis-suspett li dawn kellhom il-pjanta cannabis Kienu elevate wkoll xi roaches mill-kamra tas-sodda.. It-tliet xhieda rreferew għall-preżenza ta' Josette Spiteri fl-appartement. PS 579 ikkonferma wkoll li l-esibiti li kellha quddiemha l-Qorti kienu dawk li kienu elevati minn għand l-imputat.

**Xhieda Difiża.**

15. L-imputat xehed li l-flat kien mikri għal sena u kien ilu għandu xi xahrejn.[1] Josette Spiteri kienet tmur għandu biex tqatta' ftit taż-żmien miegħu. Din lill-Pulizija kienet qaltilhom li l-bott tal-Pringles kien tagħha. Huwa ma kienx jaf bil-kontenut ta' dan il-bott. Dwar il-pjanti huwa qal li fil-gallerija kien hemm pots oħra vojta (fol.59) , pots oħra b'xi pjanti nexfin u xi cactus. Hu qatt ma kien ta każ. Huwa qal li l-qsari kien sabhom hemm u bil-kemm kien joħroġ fil-gallerija. Huwa xehed li lill-Pulizija kien qalilhom li kien ipejjep il-blokka. Hawn inqratlu l-istqarrija u l-imputat ikkonfermaha.

16. Huwa reġa' xehed fil-11 ta' Jannar 2008 fejn esibixxa xi dokumenti u qal li kien aċċettat biex isegwi kors l-universita'. (Fol.102). Huwa kien applika għall-post ta' principal.

17. Xehed ukoll is-Supretendent Neil Harrison li kkonferma li Josette Spiteri kienet tressqet il-Qorti u l-każ tagħha kien deċiż fid-29 ta' Settembru 2003 u wara wkoll esibixxa fedina penali tagħha. Eventwalment kienet ippreżentata wkoll is-sentenza fejn kienet akkużata u misjuba ħata ta' pussess ta' l-LSD u tar-raża tal-cannabis. (fol 88).

**It-trattazzjoni**

---

[1] Fl-istqarrija kien qal li kien ilu joqgħod fil-flat minn Jannar.

18. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li l-imputat fil-flat kien joqgħod wħadu. Li kieku l-pjanti kienu nżergħu qabel ma kera l-post l-imputat, kieku kienu jikbru aktar. Fil-flat kien ilu jgħix aktar minn tliet xhur.

19. Id-Difiża ssottomettiet li l-imputat il-post kien krieh furnished . Il-pjanti kienu żgħar ħafna u għalhekk wiħed jista' lanqas jinduna bihom. Huwa kien ipejjep il-blokka u dan ammettieh fl-istqarrija. Huwa kien ta x-xhieda minn għand min kien jixtri u kien irrispond agħal kull domanda. Jista' jinstab ħati tal-pussess tr-raża iżda ma kienx ikkultiva u lanqas kkellu l-LSD.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija dik tal-kultivazzjoni tal-pjanta cannabis. Huwa sinifikanti li fl-istqarrija l-imputat isemmi dawn il-pots biss u mhux l-oħrajn (tal-cactus u l-vojta) li ssemmew biss meta kien fuq il-pedana tax-xhieda. Fl-istqarrija huwa qal:

'Meta dħalt fil-flat sibt dawn iż-żewġ pots diġa' bil-ħamrija. Jiena qatt ma saqqejthom'.

21. Frankament il-Qorti li emmnet lill-imputat hija u taqra l-istqarrija u wisq anqas fuq il-pedana tax-xhieda. L-imputat kien ilu joqgħod fil-flat għal aktar minn tliet xhur – skond ma qal fl-istqarrija nnifisha. Ma jidhirx li kien sajjem għal kollox dwar il-cannabis għaliex fil-fedina penali tiegħu jidher li kien deher quddiem il-Qorti darbtejn (1995 u 1996) propju fuq il-pussess tal-cannabis. Għalhekk il-Qorit diffiċli temmen li l-imputat ma kienx joħroġ fil-gallerija jew li qajla jagħti każ. Ma tistax temmen li dawn tliet kumbinazzjonijiet f'daqqa:

(i) Li l-imputat kien jaf x'inhi cannabis; **u**

(ii) Jikri flat li fih seta' xi ħadd tefa' ż-żerriegħa u din kibret bl-ilma tax-xita għal madwar tliet xhur u fuqhom**; u**

(iii) Fl-istess jum tat-tfittxija jkun hemm tfajla fil-flat li **wkoll kienet mixlija bil-pussess tal-cannabis.**

22. Bir-rispett kollu, il-Qorti tqis li kien l-imputat ilu fil-flat biżżejjed żmien biex ma jħalli ebda dubju lil din il-Qorti li kien l-imputat stess li żera' l-cannabis. Li kieku kien ilu li daħal fil-flat ġimgħa jew ġimagħtejn, wieħed kien jikkonsidra din is-sottomissjoni iżda l-Qorti hija konvinta 'l hemm minn kull ebda dubju li kien l-imputat li żeragħhom. Tant kien konxju minn din is-sitwazzjoni l-imputat li waqt l-istqarrija qal: 'Jien qatt ma saqqejthom' biex jeħles mill-imputazzjoni ta' kultivazzjoni.

23. It-tul tal-pjanti kif jidher mir-ritratti huma prova oħra li dawn kienu jidhru żgur ukoll jekk wieħed ma joħroġx kull jum fil-gallerija u, bejn wieħed u ieħor, jikkorrispondi maż-żmien li kien ilu li kera l-flat l-imputat.

24. Skond il-ġurisprudenza tagħna (ara deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 1987 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Loreto Attard'), bl-espressjoni 'jikkultiva l-pjanta cannabis ' fil-Kap 101 il-leġislatur ried jinkljudi kull każ ta' tkabbir ta' din il-pjanta u mhux kultivazzjoni li ssir fl-għelieqi.' Fil-fatt l-appellant f'dan il-każ kien qal hekk: 'it-tfigħ taż-żerriegħa fil-ħamrija bir-riżultat li dik iż-żerriegħa tinbet u tikber waħedha mhux kultivazzjoni għall-fini ta' l-akkuża miġjuba kontra l-imputat. Iżda l-Qorti ta' l-Appell ma qablitx. Fil-fatt qalet hekk:

***'Illi l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' x'jammonta għall-kultivazzjoni tal-cannabis;***

***Illi propjament il-kunċett ta' kultivazzjoni hu aktar allaċċjat ma' l-art milli ma' ħaġ'oħra, infatti s-soltu wieħed normalment jikkultiva l-art. Il-leġislatur tagħna pero' bl-iktar mod ċar uża l-kliem 'jikkultiva l-pjanta cannabis' u għalhekk isegwi li wieħed jista' jikkultiva l-cannabis kemm fl-għelieqi kif ukoll fi qsari u kontenituri oħra u l-enfasi qiegħed fil-kultivazzjoni tagħha. Fil-fatt il-proċess ta' kultivazzjoni jibda mill-preparazzjoni ta' l-art sa ma jilħaq il-prodott pero' dan ma jfissirx, per eżempju, li persuna ma tkunx qed tikkultiva pjanta jekk ma tkunx żrat hi stess iż-***

***<u>żerriegħa jew ippreparat l-art jew jekk l-art kienet ġa' tajba u ma kienx jeħtiġilha preparazzjoni jew attenzjoni. Infatti persuna tista' tixtri pjanta jew takkwista waħda appena mnibbta u tkabbarha u b'daqshekk ma jistax jingħad li ma tkunx tikkultivaha.'</u>***

25. F'każ aktar reċenti, jiġifieri dak deċiż fit-3 ta' Diċembru 2001, Appell Numru 170/2001 VDG fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Anthony Camilleri' fejn il-Qorti qalet hekk:

'Malli l-appellant żera' mqar żerriegħa waħda ġerminabbli fil-qasrija tal-ġiżimina u beda jsaqqiha u din iż-żerriegħa waħda nibtet (anke jekk fil-wiċċ tal-ħamrija ma kien jidher xejn) kien hemm ir-reat ikkonsmat ta' koltivazzjoni, u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar tentattiv ta' koltivazzjoni…..Inoltre is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101 jipparifika għall-finijiet ta' piena t-tentattiv ta' kull reat taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mar-reat kunsmat.'

26. Fid-dawl ta' l-apprezzament tal-fatti u tal-ġurisprudenza, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

27.Qed issibu wkoll ħati tat-tieni imputazzjoni iżda din hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini ta' l-aritkolu 17(h) tal-Kap 9.

28. Dwar it-tielet imputazzjoni – pussess tar-raża tal-cannabis – jirriżulta li nstabu roaches fil-kamra tas-sodda u għalhekk dina hija ippruvata wkoll.

29. Ir-raba imputazzjoni ma kenitx ippruvata mill-Prosekuzzjoni għaliex jidher li l-LSD kienet ta' persuna oħra.

**Konklużjoni**

**30. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 8(a), 8(c), 8(d) u 29, 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-**

**Kap 101 r-regolament 3(1) ta' L-Avviż legali 22 ta' l-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda.[2]**

**31. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li fil-Liġi tagħna l-kultivazzjoni, żgħira kemm hi żgħira, hija punita b'terminu ta' priġunerija u għalhekk din il-piena hija mandatarja. Qieset ukoll li llum l-imputat miexi sew fil-ħajja kemm f'dak li xogħol kif ukoll fi studju u fil-ħajja familjari. Qieset ukoll li l-ammont kien żgħir u li għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 u li l-każ imur lura għall-1999. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' 230 Ewro. Il-multa tista' titħallas b'rata ta' sittin Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro mhux imħallsa.**

**32. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-esperti nħatru matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**33. Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**34. Il-Qorti tirrakkomanda li f'każ ta' dixxiplina fuq ix-xogħol, ikun ħafna aħjar li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha fosthom li l-każ imur lura għal kważi 10 snin ilu u li llum l-imputat biddel ħajtu mill-qiegħ. Għalhekk wieħed għandu jiżen kollox tajjeb qabel kull pass dixxiplinarju estrem.**

---

[2] Il-Qorti mhix qed tirreferi għall-Artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 għaliex dan m'hemmx għalfejn ikun ikkwotat. Ara: Appell Inferjuri Imħallef Scicluna 'Il-Pulizija versus Michael Borg'. Barra dan d-dorgi ristreeti (bħalma hija l-LSD huma kkontrollati mir-regolament 3(1) u mhux mir-regolament 5(1) li jirregola d-drogi speċifiċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------